MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2012

Numru. 1211/2007

**Il-Pulizija**
**[Spettur Ian J Abdilla]**

**vs**

**Elton Penza**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Elton Penza detentur tal-karta tal-identita` numru 433278(M).

Akkuzat talli f'Awwissu 2002, u fix-xhur ta' qabel, fl-Imsida u f'postijiet ohra f'dawn il-Gzejjer:
1. Wieghed, ta jew offra, sew b'mod dirett jew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaci li jaghmlu xi influwenza mhux xieraq fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub Titolu (IV) tat-Titolu (III) tal-Kap. 9 tal-Ligijeit ta' Malta, sabiex igieghel lil dik il-persuna

ohra tesercita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq ghal dik il-persuna ohra jew ghal xi haddiehor;
(Dan bi ksur tal-Artikolu 121A(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

2. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, xjentment ghamel uzu minn att/i kitba, jew skrittura/i foloz;
(Dan bi ksur tal-Artikolu 184 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

3. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn wiehed mid-dokumenti msemmijin fl-Artikolu 185 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(Dan bi ksur tal-Artikoli 186 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta)
4. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;
(Dan bi ksur tal-Artikoli 18 u 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

5. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi sew xjenement jew bi traskuragni, ghamel xi dikjarazzjoni falza f'xi partikolarita` sostanzjali f'xi prospett, talba jew dokument iehor mehtieg jew awtorizzat li jsir bl-Att jew taht l-Att dwar l-Awtorita` Marittima ta' Malta.
(Dan bi ksur tal-Artikolu 76 tal-Kap. 352 tal-Ligijiet ta' Malta)

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll li l-imputat ikun skwalifikat milli jkollu licenzja tal-bahar (*nautical license*) ghal dak iz-zmien illi l-Qorti jihdrilha.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebita.

Finalment, il-Qorti giet mitliba sabiex f'kaz ta' thija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom

x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali, sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat ix-xhieda kollha inkluzi dawk dokumentarji;

Rat illi l-imputat ammetta ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontrih, u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu;

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 184, 186, 188 u 121A(1) tal-Kap 9 u l-Artikolu 76 tal-Kap. 352 qeghda ssib lill-imputat Elton Penza hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 qeghda tilliberah bil-kunidizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum, kif ukoll tikkundannah multa ta' hames mitt Ewro (€500).

Inoltre, tordna wkoll s-sospensjoni tal-licenzja nawtika tal-imputat ghal sena minn meta jottjeni tali licenzja.

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------